# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum it-Tlieta, 10 ta' Novembru 2015**

**Rikors Numru: 13/2013**

**Stephen u Doreen konjuġi Camilleri**

**vs**

**LG Investments Limited;**
**Marco Attard; u**
**Anna Attard**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-intimati tas-7 ta' Novembru 2013.

Rat ir-risposta tar-rikorrenti tal-25 ta' Gunju 2014.

Segħmet ix-xhieda prodotti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-Nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati.

Ikkunsidrat:

Illi din hija proċedura taħt l-artikolu 253E tal-Kap.12. li permezz tagħha l-Qorti tista' "b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew *promissory note*

esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew *promissory note* ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew *promissory note* tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ."

L-intimati qed jittentaw jattakkaw kambjala ffirmata mill-intimat kemm f'ismu proprio u f'isem martu, kif ukoll f'isem il-kumpanija "L.G. Investments Limited." Huma jikkontendu li:

(i) personalment ma kellhom xejn x'jaqsmu ma' n-negozju li l-kumpanija ntimata għamlet mar-rikorrenti; u

(ii) il-kumpanija ntimata għada f'posizzjoni tonora l-konvenju ta' bejgħ li għamlet mar-rikorrenti.

Ġara illi r-rikorrenti kienu daħlu f'konvenju biex jixtru appartament f'Marsalforn mingħand is-soċjeta' ntimata. Fuq il-konvenju kienu ħallsu s-somma ta' €23,293 bħala depożitu akkont tal-prezz. Il-kuntratt finali baqa' qatt ma sar, u l-konvenju skada. Ir-rikorrenti, bi-raġun, ippretendew rifużjoni tad-depożitu li kienu għamlu nutilment, u billi s-soċjeta' ntimata qatt ma ċaħdet li għandha tirrifondi dan id-depożitu, imma xtaqet li tingħata ż-żmien minħabba problema ta' *cash flow*, fil-15 ta' Lulju 2013 sar ftehim, li kopja tiegħu tinsab esebita fl-atti,[1] li permezz tiegħu, wara li ġie rexiss il-konvenju, l-intimat Mario Attard, f'isem il-kumpanija u f'ismu u f'isem martu personalment, intrabat li jagħti lura dawn il-flus lir-rikorrenti *"sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Awwissu 2013"* u in garanzija ta' dan inħarġet ukoll il-kambjala hawn kontestata ffirmata mill-intimat Mario Attard proprio et nomine, [2] liema kambjala kienet tiskadi proprju fil-31 ta' Awwissu 2013.

In sostenn tal-ewwel raġuni tagħhom għaliex qed jattakkaw din il-kambjala, l-intimati jgħidu li Mario Attard qatt ma kien awtorizzat jorbot lil martu biex tidħol hija wkoll bħala garanti tad-dejn li kien hemm mar-rikorrenti. Imma kif ġie dikjarat fl-istess skrittura ta' ftehim hawn imsemmija, Mario Attard kien qed jorbot lil martu bis-saħħa ta' prokura li din kienet tagħtu u li kienet ġiet annessa ma' att tan-Nutar Kristen Dimech tal-21 ta' Marzu 2009. In-nutar Dimech xehed ukoll f'dawn il-proċeduri u kkonferma li tassew kienet ingħatat din il-prokura.[3] MarioAttard f'ismu u f'isem martu daħal garanti *in solidum* mal-

[1] A fol.15 -16 tal-process
[2] Dok.GS 1 esebita fis-17 ta' Frar 2015.
[3] Ara deposizzjoni tiegħu tas-17 ta' Frar 2015.

kumpanija ntimata għal dan id-dejn tagħha u għalhekk issa ma jistax jaħrab minn din ir-responsabilita'.

Ir-raġuni l-oħra mressqa mill-intimati biex jikkontestaw il-kambjala *de quo* ma tagħmilx sens, ġialadarba rriżulta ampjament li l-konvenju li dwaru kien tħallas id-depożitu mir-rikorrenti kien ġie revokat bil-ftehim imsemmi.

Għal dawn il-motivi, u peress li ma ssib ebda raġuni gravi għaliex għandha tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjala ndikata, tiddeċidi billi tiċħad dan ir-rikors tal-intimati, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur